**MT**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.3.2011
SEG(2011) 316 finali

.

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# *SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT*

**Dokument li jakkumpanja**

**l-Proposta għal**

**Direttiva tal-Kunsill**

**dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva u Konsolidata (CCCTB)**

{KUMM(2011) 121 finali}
{SEG(2011) 315 finali}

## 1 DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-globalizzazzjoni tat sura ġdida lix-xenarju ekonomiku. Inbidlet b'mod drammatiku mhux biss il-ġeografija tal-produzzjoni, iżda wkoll l-organizzazzjoni interna tal-kumpaniji li joperaw fis-swieq internazzjonali. Il-qafas ta' integrazzjoni tas-suq li tavvanza b'mod stabbli jinbidel radikalment fir-rigward tat-taxxa korporattiva. B'27 sistema fiskali differenti li jeżistu flimkien u ta' spiss ma jaqblux, is-suq tal-UE tabilħaqq jibqa' frammentat ħafna. Din is-sitwazzjoni tpoġġi lill-UE fi żvantaġġ sinifikanti *vis-à-vis* l-imsieħba kummerċjali prinċipali tagħha, jiġifieri l-Istati Uniti u l-Ġappun, li kull wieħed huwa perċepit min-negozji bħala suq waħdieni.

Il-kumpaniji fil-preżent joperaw permezz ta' skemi strutturati sabiex jakkomodaw mobilità akbar ta' kapital u transazzjonijiet transkonfinali frekwenti bejn kumpaniji assoċjati. Konsegwentement, kunċetti definiti għall-għanijiet tat-taxxa, bħas-sors u r-residenza, li tradizzjonalment jintużaw sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomiji relattivament magħluqa, ħafna drabi jirriżultaw inadegwati sabiex jindirizzaw l-isfidi ta' attività kummerċjali fi ħdan suq integrat. B'mod speċifiku, il-koeżistenza ta' regoli fiskali eteroġeni, li jinbidlu b'mod frekwenti, tirrappreżenta ostakolu għan-negozji li jikkompetu fis-swieq internazzjonali. Barra minn hekk, is-sistemi fiskali nazzjonali saru dejjem aktar vulnerabbli għal skemi ta' evitar tat-taxxi. Fil-fatt, iċ-ċaqliq tad-dħul u t-*treaty shopping* huma faċilitati b'mod naturali f'kuntest ta' mobilità għolja ta' fatturi produttivi.

F'dan l-isfond, għad hemm numru ta' ostakoli fiskali għall-kumpaniji b'operazzjonijiet bejn il-fruntieri fl-UE, jiġifieri:

*I.* *Spejjeż addizzjonali għall-konformità,* li jirriżultaw mill-konformità ma' sistemi fiskali nazzjonali differenti u mar-regoli dwar il-prezz tat-trasferimenti. Skont evidenza rrappurtata fl-Istudju dwar it-Taxxa Korporattiva ppubblikat mill-Kummissjoni fl-2001, l-ispejjeż ta' konformità relatati mat-taxxi huma ta' madwar 2-4% tad-dħul mit-taxxi fuq id-dħul tal-kumpaniji. Fil-kuntest tal-UE27, dan jista' jiġi tradott f'figura medja ta' aktar minn EUR 10 biljuni għall-2008.

*II.* *Taxxa doppja*, li sseħħ meta jiġu imposti taxxi komparabbli fuq l-istess dħul f'żewġ stati jew aktar.

*III.* *Taxxa żejda*, li sseħħ meta attivitajiet bejn il-fruntieri joħolqu obbligazzjonijiet ta' taxxa li ma jseħħux f'kuntest purament domestiku (eż. il-kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti jew l-istabbilimenti permanenti tagħhom mhumiex intitolati biex jaqsmu t-telf, filwaqt li l-konsolidament tat-telf għall-kumpaniji stabbiliti fi Stat Membru wieħed biss inaqqas il-profitti taxxabbli u l-piż tat-taxxa tagħhom).

## 2 ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Il-qafas preżenti b'27 sistema fiskali korporattiva nazzjonali differenti jimpedixxi l-funzjonament korrett tas-Suq Intern. L-Istati Membri ma jistgħux jipprovdu soluzzjoni komprensiva għal din il-problema. Azzjoni mhux ikkoordinata – ippjanata u implimentata minn kull Stat Membru b'mod individwali – tirreplika s-sitwazzjoni preżenti, billi l-kontribwenti xorta jkunu jridu jittrattaw ma' numru ta' amministrazzjonijiet daqs in-numru ta'

ġudisdizzjonijiet li fihom ikunu suġġetti għat-taxxa. Hija meħtieġa azzjoni Komunitarja bil-għan li jiġi stabbilit qafas ġuridiku b'regoli komuni. Il-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva bil-ħsieb li, taħt il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri jżommu s-sovranità fl-iffissar tar-rati tat-taxxa korporattiva tagħhom. Għalhekk, huma liberi li jiddeċiedu d-daqs u l-kompożizzjoni mixtieqa tad-dħul tagħhom mit-taxxa.

## 3 GĦANIJIET TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

L-għanijiet politiċi speċifiċi tal-inizjattiva tal-UE huma li jiġu eliminati l-ostakoli fiskali li fadal fis-suq intern kif indikati aktar 'il fuq, jiġifieri l-ispejjeż addizzjonali tal-konformità relatati mal-attività internazzjonali, kif ukoll l-istanzi ta' taxxa doppja u taxxa żejda. Minħabba f'hekk, għan ġenerali għat-titjib tal-effiċjenza ekonomika fl-allokazzjoni tal-kapital produttiv fl-UE jista' jintlaħaq permezz ta' tnaqqis fit-tgħawwiġ fiskali għad-deċiżjonijiet dwar l-investimenti u żieda fl-opportunitajiet għall-investiment bejn il-fruntieri. Bħala tali, it-titjib previst fis-sempliċità u l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji fl-UE jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija UE 2020, u sabiex jissaħħaħ is-Suq Intern, bi qbil mal-inizjattivi promossi fl-Att dwar is-Suq Waħdieni.

L-għan operattiv huwa li jiġi stabbilit sett komuni ta' regoli sabiex tiġi kkalkulata l-bażi taxxabbli għall-kumpaniji rilevanti fl-UE.

Għandu jiġi enfasizzat li l-effetti fuq id-daqs u d-distribuzzjoni tal-bażijiet korporattivi taxxabbli madwar l-UE mhumiex għan maħsub tal-inizjattiva ta' politika *per se*. Għaldaqstant ma huwa definit l-ebda għan f'termini tad-distribuzzjoni tad-dħul jew in-newtralità tad-dħul għall-Istati Membri.

## 4 ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

Ir-rapport jikkunsidra erba' xenarji prinċipali ta' politika, li huma mqabbla max-xenarju ta' "ebda azzjoni" jew tal-istatus-quo (alternattiva 1):

- L-adozzjoni ta' *Bażi Komuni fakultattiva għat-Taxxa Korporattiva* (CCTB), jiġifieri s-sostituzzjoni, għall-kumpaniji rilevanti, tas-27 kodiċi differenti ta' taxxa korporattiva ma' bażi komuni għat-taxxa, ikkalkulata bl-użu ta' sett wieħed ta' regoli (alternattiva 2).

- L-introduzzjoni obbligatorja ta' *Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva* (CCTB) għall-kumpaniji kollha bbażati fl-UE (alternattiva 3).

- B'*Bażi Komuni u Konsolidata fakultattiva għat-Taxxa Korporattiva* (CCCTB), il-kumpaniji jistgħu jagħżlu bażi komuni u konsolidata għat-taxxa (eż. ikkalkulata bl-użu ta' sett wieħed ta' regoli fiskali) fl-UE kollha li tieħu post is-27 kodiċi differenti preżenti ta' taxxa korporattiva u l-mekkaniżmu ta' kontabilità separata (alternattiva 4).

- L-istess regoli jkunu obbligatorji għall-kumpaniji kollha bbażati fl-UE b'*Bażi Komuni u Konsolidata obbligatorja għat-Taxxa Korporattiva* (CCCTB) (alternattiva 5).

Bl-alternattivi kollha possibbli, ikunu stabbiliti regoli komuni biss għall-kalkolazzjoni tal-bażijiet għat-taxxa, filwaqt li l-Istati Membri tibqgħalhom is-sovranità fiskali biex jiddeċiedu r-rati tat-taxxa applikabbli.

## 5 VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### 5.1 Impatt fuq id-daqs u fuq id-distribuzzjoni tal-bażi għat-taxxa

L-alternattivi ta' politika jinvolvu bidliet fid-daqs u d-distribuzzjoni bejn il-pajjiżi tal-bażijiet għat-taxxa korporattiva li ta' min jikkwantifikahom, għalkemm dawn l-effetti mhumiex għanijiet *per se* tar-riformi fiskali li qed jiġu analizzati. Fuq kollox, m'għandhomx jinġibdu konklużjonijiet ġenerali dwar l-effett finali fuq id-dħul jew fuq il-pożizzjoni baġitarja tal-Istati Membri differenti, billi dawn finalment se jiddependu fuq l-għażliet politiċi nazzjonali fir-rigward tal-addattamenti possibbli tat-taħlita ta' strumenti fiskali differenti jew ir-rati tat-taxxa applikati.

Is-sejbiet jindikaw li l-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-bażi komuni għat-taxxa mhux marbuta mal-konsolidament tat-telf bejn il-fruntieri (CCTB) tista' twassal b'mod ġenerali u għall-biċċa l-kbira tal-kumpaniji bbażati fl-UE, għal bażijiet ta' taxxa aktar wesgħin minn dawk preżenti. Madankollu, id-daqs ta' din iż-żieda jidher li jiddependi essenzjalment fuq ir-regoli li jiġu applikati dwar id-deprezzament. Fi kwalunkwe każ, il-bażi komuni għat-taxxa għandha tnaqqas id-differenza konsiderevoli preżenti fil-bażijiet għat-taxxa bejn il-pajjiżi Ewropej.

Id-dispożizzjonijiet ta' CCCTB għandhom jippermettu l-konsolidament transkonfinali tal-profitti u t-telf. Kalkoli fuq kampjun ta' gruppi multinazzjonali mill-UE bbażati fuq il-bażijiet tad-dejta Amadeus u ORBIS juru li, bħala medja kull sena, madwar 50% tal-gruppi multinazzjonali mhux finanzjarji u 17% tal-gruppi multinazzjonali finanzjarji fil-kampjuni rispettivi jistgħu jibbenefikaw minn kumpens immedjat għat-telf bejn il-fruntieri. Il-peżar tar-riżultati separati għas-setturi differenti jindika li bħala medja għall-gruppi involuti, il-bażi taxxabbli fix-xenarju ta' CCCTB tkun madwar 3% iżjed baxxa milli fix-xenarju tal-istatus quo[1].

Bis-CCCTB, tqum il-mistoqsija dwar kif għandha tinqasam il-bażi globali għat-taxxa bejn l-Istati Membri li fihom jopera l-grupp multinazzjonali, u b'hekk teħtieġ id-definizzjoni ta' mekkaniżmi ta' tqassim ad hoc. L-użu ta' dejta minn kontijiet finanzjarji bħala sostitut għall-profitti taxxabbli ta' gruppi multinazzjonali juri li l-formula bl-ispejjeż tal-impjegati, l-assi u l-bejgħ skont id-destinazzjoni, peżati ndaqs, twassal għal żidiet fil-bażijiet għat-taxxa prinċipalment fl-Istati Membri fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, kif ukoll fil-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Greċja u l-Italja. Riżultati minn stħarriġ jindikaw li l-bdil tal-peżar tal-fatturi tat-tqassim ftit għandu effett fuq id-distribuzzjoni relattiva tal-bażi għat-taxxa bejn il-pajjiżi.

### 5.2 Impatt fuq l-ispejjeż għall-konformità

Skont evidenza minn stħarriġ, il-fatturi prinċipali tal-ispejjeż għall-konformità korporattiva għall-intrapriżi multinazzjonali huma direttament jew indirettament relatati mal-kompiti tal-ipprezzar tat-trasferimenti (dokumentazzjoni tal-ipprezzar tat-trasferimenti, approvazzjonijiet u deċiżjonijiet u proċeduri ta' ftehim reċiproku). Barra minn hekk, il-piż tal-konformità

---

[1] B'mod ġenerali, fil-kampjun użat, l-effett kombinat tad-dispożizzjonijiet ġodda tal-bażi għat-taxxa mhux marbuta mal-konsolidament (li għandhom tendenza li jwessgħu l-bażi għat-taxxa) u l-introduzzjoni ta' konsolidament immedjat tat-telf bejn il-fruntieri (li għandha tendenza li ddejjaqha) realizzat fix-xenarji ta' CCCTB għandu t-tendenza li jżomm il-bażijiet aggregati għat-taxxa bejn wieħed u ieħor kostanti meta mqabbla ma' dawk preżenti (għall-kumpaniji kkonċernati).

minħabba l-ipprezzar tat-trasferimenti maż-żmien żdied, prinċipalment minħabba żewġ fatturi: (i) rekwiżiti ta' dokumentazzjoni aktar esiġenti mill-awtoritajiet fiskali akkumpanjati minn reviżjonijiet mill-awtorità fiskali; (ii) aġġustamenti u bidliet fit-tip u l-ambitu tal-operazzjonijiet kummerċjali madwar id-dinja[2].

Skont studju kkummissjonat lil Deloitte, is-CCCTB hija mistennija li tfisser iffrankar sostanzjali fil-ħin għall-konformità u l-infiq fil-każ ta' multinazzjonali li tistabbilixxi sussidjarju ġdid fi Stat Membru differenti. Bħala medja, l-esperti tat-taxxa li pparteċipaw fl-istudju stmaw li intrapriża kbira tonfoq iżjed minn EUR 140 000 (0.23% tal-fatturat) f'infiq relatat mat-taxxi biex tiftaħ sussidjarju ġdid fi Stat Membru ieħor. Is-CCCTB se tnaqqas dawn l-ispejjeż b'EUR 87 000 jew 62%. L-iffrankar għal ekonomija ta' daqs medju huwa saħansitra aktar sinifikanti, billi l-ispejjeż huma mistennija li jinżlu minn EUR 128 000 (0.55% tal-fatturat) għal EUR 42 000 jew tnaqqis ta' 67%. Evidenza addizzjonali miġbura minn kampjun ta' multinazzjonali Ewropej eżistenti (studju PWC) tindika tnaqqis iżjed moderat iżda xorta waħda sinifikanti fil-piż tal-konformità għal kompiti rikorrenti relatati mat-taxxa. L-iffrankar mistenni mill-introduzzjoni tas-CCCTB jammonta sa 8 punti perċentwali tal-ħin għall-konformità.

## 5.3 Impatti fuq l-ekonomija sħiħa

Il-mudell CORTAX tal-CGE jintuża sabiex ikejjel l-impatti tar-riformi differenti fuq l-ekonomija sħiħa. Il-mudell, maħsub sabiex jissimula l-bidliet fil-politika fiskali għall-Istati Membri tal-UE, ġie estiż u rfinat għall-iskop ta' din il-valutazzjoni tal-impatt[3]. Madankollu, bħal kull mudell ġenerali ieħor ta' ekwilibriju, CORTAX jinkludi suppożizzjonijiet u speċifikazzjonijiet li mhumiex ħielsa mid-dubji, u ma jistgħux ineħħu l-inċertezza dwar is-saħħa ta' ċerti effetti komportamentali tal-politiki fiskali. Fuq kollox, CORTAX ma jaqbadx il-kisbiet dinamiċi fuq perjodu fit-tul b'integrazzjoni akbar fis-Suq Intern, eż. f'termini tan-numru ta' kumpaniji attivi b'mod internazzjonali. It-tneħħija tal-ostakoli fiskali bejn il-fruntieri hija mistennija li tfisser tgħawwiġ anqas fl-allokazzjoni tal-kapital, billi se żżid il-kapaċità ta' sostituzzjoni bejn l-investiment domestiku u l-investiment transkonfinali, fuq naħa, u żżid il-faxxinu tal-UE kollha kemm hi għall-investituri multinazzjonali, fuq in-naħa l-oħra. Iż-żieda fl-effiċjenza allokattiva hija mistennija li tfisser żidiet fil-produttività u l-impjiegi, li jirriżultaw ukoll mill-ekonomiji ta' skala li jistgħu jiġu sfruttati fis-suq akbar.

L-erba' alternattivi differenti ta' politika – CCTB fakultattiva, CCTB obbligatorja, CCCTB fakultattiva u CCCTB obbligatorja – huma mqabbla max-xenarju tal-istatus quo. Fix-xenarji *fakultattivi*, huwa preżunt li l-multinazzjonali kollha, iżda mhux il-kumpaniji domestiċi, jagħżlu s-sistemi fiskali alternattivi, filwaqt li fix-xenarju obbligatorju anki l-kumpaniji domestiċi jridu japplikaw id-dispożizzjonijiet fiskali l-ġodda. Din is-suppożizzjoni tista' twassal għal stima anqas taż-żidiet fil-ġid fix-xenarji fakultattivi billi jista' jkun mistenni li fil-prattika, il-kumpaniji multinazzjonali jagħżlu s-sistema l-ġdida biss jekk din ma twassalx għal profitti netti aktar baxxi milli kieku jittrattaw mas-sistemi fiskali nazzjonali differenti. Fix-xenarji kollha, huwa preżunt li d-dħul mit-taxxa korporattiva jinżamm kostanti ex-ante ma tiġi

2 Ernst & Young *Transfer Pricing Survey*.

3 L-estensjonijiet jirrigwardaw l-inklużjoni ta' (i) *ir-rifuġji fiskali*, sabiex jinkludu l-opportunità ta' ċaqliq tal-profitti barra mill-UE, (ii) *il-probabilitajiet tat-telf*, sabiex jiġu kwantifikati eżatt l-effetti ekonomiċi tal-konsolidament tat-telf, u (iii) *l-għażliet diskreti tal-post*, sabiex jiġu mmudellati l-għażliet infra-marġinali tal-kumpaniji dwar *fejn* jinvestu, qabel ma jieħdu d-deċiżjoni dwar *kemm* jinvestu.

adattata r-rata tat-taxxa, sabiex il-baġit tal-gvern jiġi bbilanċjat qabel ma l-kumpaniji jirreaġixxu għall-ambjent ġdid ta' politika.

Il-mekkaniżmi ekonomiċi importanti fl-analiżi taa-CCTB mis-CGE hija l-għażla ta' kompromess bejn rata fiskali marġinali baxxa (riżultat ta' bażi dejqa u rata tat-taxxa statutorja għolja), li tnaqqas it-tgħawwiġ fl-investiment, u rata tat-taxxa korporattiva statutorja baxxa (imsieħba ma' bażi wiesgħa), li tnaqqas iċ-ċaqliq tal-profitti ta' multinazzjonali lejn postijiet barra u ttejjeb il-faxxinu ta' post fil-każ tal-għażliet diskreti ta' investiment. It-twessigħ tal-bażi implikat mid-definizzjoni l-ġdida tal-bażi komuni għat-taxxa -, u t-tnaqqis konsegwenti fir-rata nstab li jnaqqsu l-ġid aggregat fl-UE[4].

Mill-banda l-oħra, l-effett pożittiv prinċipali tar-riforma tas-CCTB jirriżulta mit-tnaqqis preżunt fl-ispejjeż tal-konformità. B'mod ġenerali, CCTB obbligatorja tħalli l-ġid f'livell Ewropew kważi kostanti filwaqt li l-introduzzjoni ta' CCTB fakultattiva għall-multinazzjonali twassal għal kisbiet żgħar fil-ġid.

Meta mqabbel mas-CCTB, l-effetti tal-alternattivi tas-CCCTB fuq il-ġid huma iżjed favorevoli f'kull wieħed mix-xenarji analizzati. L-impatt finali ġenerali huwa żieda netta żgħira pożittiva fil-ġid ta' madwar 0.02% tal-PGD f'termini aggregati għall-UE, li tammonta għal madwar EUR 2.4 biljun (figura tal-2009). Is-separazzjoni tal-effetti tal-elementi differenti tar-riformi turi li:

- L-akbar impatt ekonomiku pożittiv tal-konsolidament u t-tqassim tal-formula huwa dovut għat-tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità.

- Il-bidla minn kontabbiltà separata għal tqassim tal-formula toħloq effett negliġibbli fuq il-PGD u l-ġid. Hija r-riżultat ta' effetti differenti ta' tpaċija: inqas inċentivi biex il-profitti u l-kapital jiġu mċaqalqa minn pajjiżi li għandhom taxxa għolja, iżda tgħawwiġ addizzjonali fl-allokazzjoni tal-fatturi tal-formula lil ekonomiji b'taxxa baxxa.

- Il-konsolidament tat-telf għandu tendenza li jdejjaq il-bażijiet għat-taxxa. Għalhekk, minħabba s-suppożizzjonijiet tal-mudell, tista' tkun meħtieġa ċerta żieda fir-rati tat-taxxa korporattiva sabiex tibbilanċja l-baġit tal-gvern. Il-kombinazzjoni ta' piż aktar baxx tat-taxxa permezz tal-konsolidament tat-telf u piż akbar tat-taxxa minħabba rati ogħla tista' b'mod ġenerali tgħolli l-prezz tal-kapital. Għalhekk, jonqos daqsxejn l-investiment iżda jiżdiedu l-impjiegi minħabba l-ispejjeż inqas tal-ħaddiema. B'mod ġenerali, jonqos daqsxejn il-PGD, filwaqt li l-effett nett fuq il-ġid huwa negliġibbli.

---

[4] Fil-mudell, politika ta' twessigħ tal-bażi flimkien ma' tnaqqis tar-rata, tirriżulta f'żidiet fil-ġid meta tiġi applikata separatament minn pajjiżi individwali, u b'mod partikolari minn pajjiżi b'taxxa għolja li jsofru minn ċaqliq tal-profitti. Madankollu, l-implimentazzjoni ġeneralizzata ta' tali politika fil-livell Ewropew tnaqqas l-effetti pożittivi tar-rati aktar baxxi tat-taxxa korporattiva. Fil-fatt, il-vantaġġ komparattiv tal-pożizzjoni ta' pajjiż ma jitjiebx jekk l-Istati Membri l-oħra kollha jnaqqsu wkoll ir-rata tat-taxxa tagħhom. Se jkunu affettwati biss l-għażliet tal-post *vis-à-vis* pajjiżi terzi. Għalhekk, politika multilaterali ta' twessigħ tal-bażi u tnaqqis tar-rata hija inqas probabbli li ttejjeb il-ġid minn politika unilaterali.

## 6 TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI

It-tneħħija tat-tliet tipi kollha ta' ostakoli tat-taxxa korporattiva li ġew identifikati – possibbli bl-alternattivi ta' politika tas-CCCTB – tippermetti lin-negozji li jagħmlu għażliet ekonomiċi aħjar u b'hekk itejbu l-effiċjenza ekonomika globali fl-UE. Fuq il-bażi tal-impatti ekonomiċi kwantifikati, is-CCCTB fakultattiva u s-CCCTB obbligatorja huma preferuti fuq l-alternattivi alternattivi minħabba l-iffrankar fl-ispejjeż għall-konformità li jiġġeneraw. Madankollu, l-evidenza makroekonomika tindika s-CCCTB fakultattiva bħala l-alternattiva ta' politika preferuta b'mod ġenerali mix-xenarji analizzati.

Ir-riformi li qed jiġu analizzati huma potenzjalment assoċjati ma' effetti dinamiċi importanti fuq perjodu fit-tul. It-tnaqqis fl-inċertezza u fl-ispejjeż (reali u perċepiti) li l-kumpaniji li joperaw f'iżjed minn ġurisdizzjoni waħda jagħmlu huwa l-mod prinċipali li bih huma mistennija li jseħħu dawn l-effetti. Finalment, dan se jittraduċi ruħu f'investiment akbar bejn il-fruntieri fi ħdan l-UE, li jirriżulta kemm mit-tkabbir ulterjuri ta' multinazzjonali Ewropej u barranin kif ukoll mill-investiment de novo ta' kumpaniji purament domestiċi fi Stati Membri oħra. Bl-istess mod, billi x-xenarju frammentat preżenti tas-sistemi fiskali korporattivi jaġixxi bħala ostakolu għad-dħul fis-swieq internazzjonali, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jistgħu jkunu partikolarment vantaġġjati bil-kundizzjonijiet ugwali maħluqa bir-riformi li qed jiġu analizzati. L-eliminazzjoni tal-ispejjeż addizzjonali għall-konformità assoċjati mal-fatt li wieħed ikollu jittratta ma' regoli fiskali differenti, u l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' 'one-stop shop' fl-amministrazzjoni fiskali probabbli se jżidu l-kapaċità tal-SMEs sabiex jespandu bejn il-fruntieri.

## 7 MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-intervent propost ta' politika se jaffettwa numru ta' varjabbli li għandhom jiġu mmonitorjati. Fil-livell makroekonomiku, għandhom jiġu valutati l-effetti tal-alternattivi ta' politika fuq l-ispejjeż tal-konformità b'rabta mat-taxxa korporattiva u fuq l-imġiba tagħhom tal-investiment bejn il-fruntieri nazzjonali. Sabiex jingħelbu d-diffikultajiet magħrufa fil-ksib ta' stimi affidabbli tal-ispejjeż reali u perċepiti għall-konformità, għandhom jitfasslu servejs ad hoc, u tingħata attenzjoni partikolari lir-rappreżentanza tal-kampjuni magħżula. Il-propensità tal-SMEs sabiex jespandu barra l-pajjiż tista' tkun partikolarment ta' żvelar dwar l-impatti mistennija fuq perjodu fit-tul tal-alternattivi ta' politika. Tali effetti jistgħu jitkejlu kemm permezz ta' stħarriġ fost il-kumpaniji rilevanti kif ukoll billi jiġu analizzati l-bidliet fl-għażliet attwali tal-investiment.

Fil-livell makroekonomiku, b'mod konsistenti mal-għanijiet ġenerali tat-titjib tal-allokazzjoni tal-kapital produttiv fl-UE, għandha tinġabar evidenza dwar il-flussi ta' investiment dirett barrani indirizzati lejn l-UE u bejn il-pajjiżi tal-UE.

L-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-miżura leġislattiva tista' ssir ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri leġislattivi li jimplimentaw id-Direttiva. Il-Kummissjoni mbagħad tista' tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-funzjonament tekniku tad-Direttiva.

Il-kontenut ta' rapport bħal dan ivarja skont l-ambitu tad-Direttiva kif maqbul finalment fil-Kunsill.

**Tabella 1: Klassifikazzjoni tal-alternattivi ta' politika (1 = l-aħjar alternattiva)**

<table>
<tr><th></th><th>Alternattiva 1: status-quo</th><th>Alternattiva 2: CCTB Fakultattiva</th><th>Alternattiva 3: CCTB Obbligatorja</th><th>Alternattiva 4: CCCTB Fakultattiva</th><th>Alternattiva 5: CCCTB Obbligatorja</th></tr>
<tr><td>Studju PWC (spejjeż tal-konformità)</td><td>2</td><td colspan="2">3</td><td colspan="2">1</td></tr>
<tr><td>Studju Deloitte (spejjeż tal-konformità)</td><td>3</td><td colspan="2">2</td><td colspan="2">1</td></tr>
<tr><td>Studju CORTAX (varjabbli makroekonomiċi)</td><td>4</td><td>3</td><td>5</td><td>1(2)</td><td>2(1)</td></tr>
</table>